19 ta' Jannar 2019
12/2019

**IL-PRIJORITAJIET PASTORALI TAL-PARROĊĊI F'MALTA**

LIVE-IN TAL-KAPPILLANI 2019

Il-kappillani tas-70 parroċċa f'Malta ddiskutew il-prijoritajiet pastorali fid-dawl tal-istħarriġ li sar dwar l-attendenza tal-Quddies u l-fidi f'Malta. Dan sar waqt il-live-in annwali aktar kmieni din il-ġimgħa fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù. Flimkien mal-kappillani attendew l-Arċisqof Charles J. Scicluna u l-Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi.

Għal dan il-live-in ġew mistiedna diversi esperti u kelliema oħra fosthom tliet lajċi li ntalbu jattendu għal-live-in kollu biex jisimgħu r-realtajiet tal-kappillani u jagħtu l-opinjoni tagħhom minn perspettiva esterna. Dawn huma: Joseanne Peregin, omm, membru attiva tal-Christian Life Community u ko-fundatriċi ta' Drachma Parents; Joseph Pellicano, żagħżugħ li qed iħejji għaż-żwieġ Nisrani u counsellor; u Louise Laferla, omm, spiżjara, gradwata fit-Teoloġija u persuna attiva fil-Knisja.

Huma tkellmu dwar l-importanza li l-lajċi ffurmati ma jiqfux biss bil-parteċipazzjoni fil-gruppi Insara imma joħorgu mill-'comfort zones' tagħhom biex jassistu lill-kappillani fil-ħidma estensiva li għandhom fil-parroċċi. Din il-ħidma li hija mifruxa fuq diversi livelli u ssir bl-għajnuna ta' lajċi impenjati tinkludi: iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u l-għoti tas-sagramenti l-oħra, it-talb fuq livell ta' komunità u l-akkumpanjament spiritwali b'mod individwali, l-assistenza lill-persuni morda u dawk li għaddejjin minn diffikultajiet oħra tal-ħajja, u l-għajnuna konkreta lill-foqra fil-parroċċi.

Temi oħra li ġew diskussi kienu l-identità tal-kappillan u l-missjoni tiegħu fis-soċjetà, u l-importanza tal-kollaborazzjoni fejn il-kappillani jaħdmu aktar flimkien u jqisu lil-lajċi bħala kollaboraturi. Din is-sinerġija tgħin biex il-kappillani jkunu kreattivi fil-mod ta' kif iwasslu l-esperjenza ta' fidi lill-oħrajn, inkluż lil dawk li tbiegħdu mill-Knisja jew huma fil-periferija.

Kelliema oħra mistiedna jindirizzaw lill-kappillani waqt il-live-in huma: Patri Josef Pace OFM Conv, l-antropologu Dr David Zammit, is-soċjologu l-Prof. Edward Zammit, u l-esperti fil-public policy il-Prof. Edward Warrington u Dr Mario Thomas Vassallo.

Għal-live-in ġie mistieden ukoll il-psikologu Dr Nicholas Briffa li tkellem dwar servizz ġdid ta' sostenn u well-being ħolistiku li qed jiġi pprovdut lis-saċerdoti mill-Kurja tal-Arċisqof.

Il-live-in ta' tliet ijiem, li ġie organizzat mill-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani, jipprovdi wkoll ħin għat-talb u għal diskussjoni bejn il-kappillani u l-isqfijiet.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**